**12. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Artijiet , Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipprononi:**

Billi skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-post ta’ Membru tal-Parlament isir vakanti jekk xi soċjetà li tagħha jsir jew ikun Direttur, tkun jew issir parti f'kuntratt mal-Gvern ta’ Malta għal jew akkont tas-servizz pubbliku, iżda huwa ma jivvakax dak il-post jekk qabel ma, jew kemm jista’ jkun prattikabbli wara li, isir interessat fil kuntratt bħala direttur ta' kumpannija huwa jikxef lill-iSpeaker ix-xorta tal-kuntratt u l-interess tal-Kumpannija fih u 1-Kamra tad-Deputati b’riżoluzzjoni teżentah mid-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu;

U billi 1-Onorevoli Paul Xuereb, Membru ta’ dan il-Parlament, b’ittra tiegħu tal-25 ta’ Ottubru, 1976 informa lil Mr Speaker li huwa ġie nnominat Chairman tal-Board tad-Diretturi tal-Mid-Med Bank Ltd., u li dan il-Bank għandu mal-Gvern r-relazzjonijiet kontrattwali li ġejjin:

(a) il-Bank huwa garanti favur il-Gvern ta’ diversi klienti tiegħu għall-obbligi li joħorġu minn kuntratti li dawn il-klienti għandhom mal-Gvern, bħalma huma appalti u kuntratti oħra ta’ provvista u kuntratti tal-istess xorta jew ta’ xorta oħra;

(b) il-Bank huwa wkoll garanti favur il-Gvern ta' diversi klienti tiegħu dwar il-ħlas ta’ dazju u dwar il-ħlas ta’ “income tax”; u

(c) il-Bank jikri mingħand il-Gvern xi postijiet li minnhom wieħed qiegħed il-Belt, ieħor f’Ħal-Luqa u ieħor f’Bulebel;

U billi bl-istess ittra huwa informa wkoll lil Mr Speaker li garanziji bħal dawk imsemmija aktar ’il fuq, jingħataw ta’ spiss mill-Bank bħala parti min-negozju normali tiegħu u għalhekk il-Bank kien ser ikollu aktar ’il quddiem relazzjonijiet kontrattwali tal-istess xorta mal-Gvern;

U billi din il-Kamra jidhrilha xieraq li teżenta lill-Onorevoli Paul Xuereb mid- dispożizzjonijiet tal-paragrafu fuq imsemmi, għall-każi fuq imsemmija;

Għalhekk il-Kamra tad-Deputati tirriżolvi illi 1-Onorevoli Paul Xuereb jiġi eżentat, sew għall-imgħoddi kemm għal li ġej, mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkwantu jistgħu jolqtu relazzjonijiet kontrattwali bħal dawk fuq imsemmija bejn il-Mid-Med Bank Ltd u l-Gvern ta’ Malta.

01.12.1976